MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GEOFFREY VALENZIA

Seduta tat-8 ta' Ottubru, 2004

Citazzjoni Numru. 2437/1997/1

**Philip Grech**

**Vs**

**Carm Lino Spiteri f'ismu proprju u ghan-nom u in rapprezentanza
tas-socjeta' Carm Lino Spiteri & Associates**

**Il-Qorti.**

**Preliminari**

Rat **l-att tac-citazzjoni** li permezz taghha l-attur ippremetta illi l-konvenuti huma debituri ta' l-attur fis-somma ta' tlett elef, seba' mija u tnejn u tletin lira u wiehed u tmenin centezmu (Lm3,732.81), skond fattura annessa u mmarkata Dok. "A", mahruga mill-attur lill-

konvenuti fit-30 ta' Jannar, 1997, rapprezentanti servizzi professjonali rezi bejn Lulju 1996 u Novembru 1996, flimkien ma' spejjez incidentali u ancillari ghal tali servizzi, maghmula fuq inkarigu tal-konvenuti stess, u li ghalihom il-konvenuti baqghu ma hallsux;

Premess ili ghalkemm il-konvenuti gew interpellati diversi drabi biex ihallsu, dawn baqghu inadempjenti;

Premess illi l-kreditu huwa cert, likwidu u skadut u l-attur ikkonferma l-kreditu b'Affidavit (Dok. "B") a tenur ta' l-artikolu 167 sa 170 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili u li fil-fehma tieghu l-konvenuti m'ghandhomx eccezzjonijiet x'jaghtu;

Jghidu ghalhekk il-konvenuti ghaliex m'ghandhiex din il-Qorti:

tiddeciedi l-kawza billi tilqa' t-talbiet attrici bid-dispensa tas-smiegh u bl-abbrevjazzjoni tat-termini a tenur ta' l-artikoli 167 sa 170 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili;

tikkundanna lill-konvenuti jew min minnhom ihallsu lill-attur is-somma ta' tlett elef, seba' mija u tnejn u tletin lira u wiehed u tmenin centezmu (Lm3,732.81), rapprezentanti servizzi professjonali flimkien ma' spejjez incidentali u ancillari ghal tali servizzi, maghmula fuq inkarigu tal-konvenuti stess, u li ghalihom il-konvenuti baqghu ma hallsux;

tikkundanna lill-konvenuti jew min minnhom ihallsu lill-attur l-imghaxijiet kummercjali bir-rata ta' tmienja fil-mija (8%) dekorribli mid-data tal-fattura mahruga mill-attur lill-konvenuti, u cjoe' t-30 ta' Jannar, 1997, sad-data tal-pagament effettiv, u dan ai termini ta' l-artikolu 1141(1) tal-Kodici Civili (Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta);

Bl-ispejjez u bir-rizerva ta' kull azzjoni fil-Ligi.

Il-konvenuti ngunti ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni ta’ l-attur a fol. 3 tal-process;

Rat i**n-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenut** a fol. 11 tal-process fejn eccepixxa:

Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt peress li x-xoghol li kien inkarigat li jaghmel l-attur kien inkomplet, ma sarx skond ma titlob l-arti professjonali, ma kien ta’ ebda utilita’ ghall-iskop tal-inkarigu lilu moghti, u barra minn dana gie sottomess estremament tard;

Illi ghalhekk l-eccipjent ma ghandu jaghti xejn lill-attur.

Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti ezibiti;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat in-noti tal-partijiet;

**Il-Fatti u Kontestazzjoni**

Fil-1995 il-konvenut u d-ditta ta’ periti tieghu kienu gew imqabbda sabiex jiddisinjaw il-pjanti u jkunu l-periti nkarigati mill-bini tal-lukanda Vivaldi f’Paceville. F’Lulju tal-1996 l-attur gie avvicinat mid-ditta konvenuta sabiex jaghmel id-disinji u jipprepara d-dokumenti mehiega biex isir id-drenagg sanitarju u t-tifsil ghas-sistema tar-rimi ta’ l-ilma tax-xita tal-lukanda msemmija. Qabel l-attur kienu gew inkarigati zewg periti ohra mill-konvenut pro et nomine sabiex jaghmlu dan ix-xoghol li kien qed jintalab jaghmel l-attur izda dawn ma baqghux involuti fil-progett. Fil-mument li l-attur gie nkarigat jaghmel dan ix-xoghol il-lukanda kienet diga’ qed tinbena u d-ditta konvenuta ghaddiet il-pjanti minnha mhejjija lill-konvenut sabiex huwa jiddisinja s-sistema tad-drenagg. Il-ftehim bejn il-partijiet fil-kawza odjerna dwar il-hlas dovut lill-attur ghas-servizzi professjonali li huwa kien ser jirrendi kien ta’ 4% tal-valur stmat tax-xoghlijiet. L-attur isostni li l-partijiet kienu wkoll qablu li d-ditta konvenuta kellha wkoll tipprovdi

servizzi ta’ *draughtsman* sabiex jassisti lill-attur ihejji d-disinji kif ukoll servizzi ta’ stampar tad-disinji. Il-konvenut ma jaqbilx dwar dan.

L-attur kien jattendi l-‘*project meetings’* li kienu jsiru ta’ kull gimgha u dan sabiex ikun a konoxxenza tat-tibdiliet li jkunu qeghdin jigu ordnati. L-attur isostni li tul dawn il-laqghat kienu qed isiru rikjesti ghal tibdil sostanzjali fil-pjanti mhejjija mid-ditta konvenuta mis-sidien tal-lukanda u mill-*project manager* minnhom imqabbad, tant illi l-istess ditta konvenuta ma kienitx qed tlahhaq ma dawn ir-rikjesti. L-attur jghid ukoll li ghalkemm huwa prevedibbli li waqt l-esekuzzjoni tax-xoghlijiet tinholoq in-necessita’ ghal xi tibdiliet fil-pjanti, it-tibdil kollu rikjest mill-klijenti tad-ditta konvenuta ma kienx ragjonevoli. Dawn it-tibdiliet rikjesti mis-sidien kienu qed ixekklu l-andament tal-progett u l-attur ighid li huwa kien qed isib ruhu f’sitwazzjoni fejn id-ditta konvenuta kienet tghaddilu pjanti sabiex huwa jiddisinja s-sistema tad-drenagg u sussegwentement il-klijent kien jigbidlu l-attenzjoni li huwa kien qed jipproponi soluzzjoni ghas-sitema tad-drenagg fuq pjanti li kellhom informazzjoni nieqsa jew zbaljata. Din is-sitwazzjoni kienet qed tohloq diffikultajiet konsiderevoli lill-attur fl-esekuzzjoni tal-inkarigu llu moghti mid-ditta konvenuta. Din ta’ l-ahhar ma setghetx tlahhaq mat-tibdiliet rikjesti u f’Novembru, 1996 id-ditta konvenuta kellha tiddisinja l-progett mill-gdid. Minhabba dan il-fatt hija naqset milli tipprovdi s-*support* miftiehem u b’hekk l-attur gie kostrett li jinkariga *draughtsman* a spejjes tieghu u jiehu hsieb huwa x-xoghol ta’ stampar tad-disinji. Dawn il-fatturi kkawzaw dewmien fil-kompletazzjoni tad-disinji tad-drenagg u l-hrug tat-*tender* ghar-relattivi xoghlijiet li gew konsenjati mill-attur lid-ditta konvenuta fil-5 ta’ Dicembru, 1996.

Dan ix-xoghol gie accettat mid-ditta konvenuta li mbaghad ghaddiet id-dokumenti lill-klijent u pprezentathom bhala taghha. Fit-30 ta’ Jannar, 1997 l-attur hareg il-kont (a fol. 5) u baghtu lid-ditta konvenuta. L-attur jispjega li wara li kien ikkonsenja d-disinji inbidlet il-linja tal-bini tal-lukanda mal-appogg taghha u huwa ghalhekk kellu jemenda d-disinji sabiex jigu nkorporati fid-disinji originali. Fis-26 ta’ Marzu, 1997 l-attur gie nfurmat minn Ivan Bartolo li d-

disinji tieghu kienu gew skartati mill-klijent u huwa baqa' ma thallasx ghax-xoghol minnu maghmul. Huwa izda qatt ma rcieva lura d-disinji finali. Id-ditta konvenuta kienet tghidlu li meta tithallas hi ghax-xoghlijiet minnha maghmula kienet ser thallsu. Wara li kkonsenja d-disinji finali l-attur ma baqghax jattendi aktar ghall-*project meetings*.

Id-ditta konvenuta min-naha l-ohra ssostni li hija kienet mal-ewwel infurmat lill-attur li l-progett kien wiehed hekk imsejjah '*fast track'*, u cioe' wiehed li kien qed isir b'pass mghaggel u li kien jirrikjedi li jsiru tibdiliet ta' malajr waqt li jkunu ghaddejjin ix-xogholijiet. Hija tghid li l-attur ma kienx qed ilahhaq ma dan ir-ritmu mghaggel u li kien qed ikun hemm hafna dewmien da parti tieghu fil-kompletazzjoni tal-inkarigu minnu accettat, liema dewmien kien tant gravi li l-klijenti kienu jressqu lmenti kontinwi mad-ditta konvenuta sakemm fl-ahhar ta' Marzu 1997 dawn nehhew ix-xoghol ta' disin tas-sistema tad-drenagg mill-*brief* moghti lid-ditta konvenuta u nkarigaw lil terzi jaghmlu dan ix-xoghol. Id-ditta konvenuta ssostni li meta hija eventwalment thallset ghax-xoghol li kienet ghamlet mill-klijenti taghha, dawn ta' l-ahhar kienu naqsu kwalsiasi ammont dovut ghad-disinjar tas-sistema tad-drenagg. Is-socjeta' konvenuta ssostni wkoll li x-xoghol maghmul mill-attur ma sarx skond is-sengha u l-arti.

**KONSIDERAZZJONIJIET**

Mill-fatti kif fuq esposti jirrizulta li l-attur gie nkarigat jesegwixxi s-servizzi professjonali li jiffurmaw il-mertu ta' din il-kawza mill-konvenut pro et nomine u ghalhekk inholqot relazzjoni kontrattwali bejn il-partijiet f'din il-kawza izda mhux bejn l-attur u l-klijent tal-konvenut pro et nomine, u cioe' l-izviluppaturi tal-lukanda Vivaldi. L-inkarigu moghti mid-ditta konvenuta lill-attur kien jifforma parti mill-*brief* moghti lid-ditta konvenuta li qabdet lill-attur jaghmlu ghan-nom taghha u fil-mument li gie liha konsenjat ipprezentatu lill-klijent bhala taghha. Dan qed jinghad proprju minhabba l-argument sottomess mid-ditta konvenuta fis-sens illi hija ma thallsitx ghax-xoghol ta' l-iddisinjar tas-sistema tad-drenagg u ghalhekk m'hijiex

tenuta li thallas lill-attur ghal dan ix-xoghol. Id-ditta konvenuta ma tistax tuza dan l-argument bhala skuzanti sabiex l-attur ma jithallasx ghax-xoghol li ghamel.

Id-ditta konvenuta qed isostni li l-hlas mitlub mill-attur fil-kawza odjerna ghax-xoghol minnu maghmul m'huwiex dovut ghal zewg ragunijiet u cioe' minhabba d-dewmien da parti tieghu sabiex jespleta l-inkarigu lilu moghti u ghaliex li x-xoghol eventwalment ikkonsenjat ma sarx skond is-sengha u l-arti.

**Dewmien**

Id-ditta konvenuta tirritjeni li l-attur kien avzat sa mill-bidu nett li l-progett kien wiehed fast track u li huwa kien accetta l-inkarigu u kien jaf b'dan il-fatt. Sussegwentement kien hemm dewmien sostanzjali sabiex huwa jespleta l-inkarigu tant li l-klijent ilmenta diversi drabi dwar dan id-dewmien sakemm fl-ahhar nehha dan l-inkarigu mill-*brief* moghti lid-ditta konvenuta. L-attur jammetti li effettivament kien hemm certu dewmien da parti tieghu sabiex jikkonsenja d-disinji u dokumenti ghal hrug tat-*tender* ghax-xoghlijiet izda huwa jiggustifika dan il-fatt billi jispjega li r-responsabilita' ghal dan id-dewmien kienet attribwibbli lid-ditta konvenuta li ma kienitx qed tlahhaq mat-tibdil sostanzjali u kontinwu li kien qed jigi mitlub mill-klijent tant li lilu poggietu f'sitwazzjoni li ma setghax jespleta l-inkarigu lilu moghti entro t-terminu originarjarment patwit.

Minn ezami akkurat tal-minuti tal-*project meetings* (li skond l-attur jirriflettu l-opinjoni tal-*project manager*) li kienu jinzammu fuq bazi regolari effettivament jirrizulta li d-data li fiha kellhom jigu sottomessi d-disinji tas-sistema ta' drenagg u d-dokumenti ghall-hrug tat-*tender* tax-xoghlijiet relattivi giet spustjata ghal aktar minn darba izda rrizulta wkoll li d-ditta konvenuta ma kienitx qed tlahhaq mat-tibdil kontinwu rikjest minnha mill-klijent taghha. In vista tal-fatt li x-xoghol ta' l-attur kien jiddependi fuq il-pjanti aggornati mahruga mid-ditta konvenuta dan id-dewmien da parti taghhom ovvjament kien qed jeffetwa l-ezekuzzjoni tal-inkarigu moghti lill-attur.

Kif diga' spjegat aktar il-fuq l-attur ikkonsenja d-dokumenti minnu rikjesti fil-bidu ta' Dicembru, 1996 u hareg il-kont ghax-xoghol tieghu fl-ahhar ta' Jannar, 1997. Minn Dicembru il-quddiem ma jirrizultax li huwa kompla jattendi ghal *project meetings* li baqghu jsiru ta' kull gimgha u ghalkemm gieli kien jigi miltub jaghti struzzjonijiet '*on site'* in kwantu jirrigwarda d-disinji minnu maghmula jista' jinghad li f'Dicembru, 1996 huwa kien espleta l-inkarigu lilu moghti. Id-ditta konvenuta ssostni li x-xoghol rigwardanti s-sistema tad-drenagg tnehhiet mill-brief taghha mill-klijent fl-ahhar ta' Marzu, 1997 u dan minhabba dewmien u minhabba l-kwalita' tax-xoghol. In vista tal-fatt li l-attur kien ilu li kkonsenja x-xoghol minnu rikjest sa mill-bidu ta' Dicembru, 1996 certament ma jistghax jitqies li t-tnehhija ta' dan ix-xoghol f'Marzu, 1997 mill-*brief* moghti lid-ditta konvenuta jista' jigi attribwit lill-attur. La darba huwa espleta l-inkarigu lilu moghti mid-ditta konvenuta f'Dicembru, 1996 din tal-ahhar jidher li assumiet ir-respponsabilita' ghal dawn ix-xoghlijiet u jekk f'Marzu, 1997 il-klijent iddecieda li jittermina dan l-inkarigu minhabba dewmien fl-ikkonsenjar tad-disinji r-responsabilita' ghal dan id-dewmien ma tistghax tigi akkollata lill-attur. Jigi rilevat li mill-ftehim esebit a fol. 145 u 146 tal-process jirrizulta li fl-ahhar ta' Marzu, 1997 il-klijent tad-ditta konvenuta kien effetivament ittermina l-inkarigu kollu moghti lilha u mhux biss ix-xoghol konness mas-sistema tad-drenagg. Dan il-fatt jindika li l-problemi kienu jirrigwardaw ix-xoghol maghmul mid-ditta konvenuta.

Ir-rapprezentant tal-izviluppaturi tal-lukanda, Joseph Said, fix-xhieda minnu moghtija fis-seduta tas-27 ta' Novembru, 2000 spjega li fid-diskussjonijiet li waslu ghal ftehim bonarju bejn id-ditta konvenuta u l-izviluppaturi kienet giet diskussa l-possibilita' li jitnaqqas ammont ghad-'*delay costs'* mid-drittiijet dovuti lill-konvenut pro et nomine ghas-servizzji professsjonali minnu rezi sakemm gie terminat l-inkarigu lilu moghti. Irid jigi nnuttat li bl-ebda mod ma gie specifikat, la fil-ftehim milhuq bejn il-partijiet u lanqas fix-xhieda ta' Joseph Said, li dawn id-'*delay costs'* kienu jirrigwardaw ix-xoghol konness mas-sistema tad-drenagg.

Apparti kollox irrizulta wkoll li fil-fatt fl-ahhar mill-ahhar dawn id-‘*delay costs*’ ma gewx imnaqqsa mid-drittijiet professjonali li eventwalment gew imhallsa lill-konvenut pro et nomine. Ta’ min jinnota wkoll li x-xhud Said jghid li huma waslu ghal ftehim bonarju fuq somma u mhux fuq *items*, li jfisser li l-kljent ma kienx sodisfatt mix-xoghol tal-konvenuti *as a whole* u mhux fuq *item* partikolari, ghax kieku kienu jnaqqsu ta’ dak l-*item* biss mentri fil-fatt ma sarx hekk u l-ftehim bonarjarment raggjunt kien fuq somma u mhux fuq *items*.

Kwalita ta’ xoghol.

Id-ditta konvenuta eccepiet ukoll li x-xoghol maghmul mill-attur ma sarx skond is-sengha u l-arti u gie skartat mill-klijent. Fl-ewwel lok irid jigi rilevat li l-istess ditta konvenuta effettivament accettat ix-xoghol ikkonsenjat lilha mill-attur u prezentatu lill-klijent bhala taghha u fuq ‘*letterhead’* taghha. Inoltre meta irceviet dan ix xoghol ma resqet ebda lment lill-attur dwar il-kwalita’ tax-xoghol u l-anqas ma rritornat lura d-disinji minnu sottomessi sabiex dawn jigu emendati jew mibdula ghaliex ma sarux skond is-sengha u l-arti.

In kwantu jirrigwarda ilmenti mressqa mill-klijent dwar il-kwalita’ tax-xoghol maghmul mill-attur irid jigi rilevat li ghalkemm Joseph Said fix-xhieda tieghu tas-27 ta’ Novembru, 2000 qal li “kien hemm mument meta konna waqqafna lill-Perit (huwa kien qed jjirreferi ghall-konvenut) milli jkompli bid-drenagg. Ir-raguni kienet dwar il-kwalita’ u biex jaghtuna d-*drawings*” dan qalu wara li kien specifika li “ix-xoghol li ghamel Spiteri fl-ufficju tieghu ma kienx ta’ li *standard* li konna qeghdin nistennew, ma sarx fil-hin li konna qeghdin nistennew...” Minn dan il-kliem kif ukoll mid-dicitura tal-ftehim milhuq bejn il-partijiet fil-31 ta’ Marzu, 1997 jirriuzlta li l-inkarigu moghti lid-ditta konvenuta gie terminat minhabba li s-servizzi minnha rezi sa dak l-istadju ma sarux skond is-sengha u l-arti u kien hemm ukoll dewmien involut fil-konsenja tax-xoghol. F’dan il-ftehim ma saret ebda referenza specifika ghall-kwalita’ tax-xoghol konness mas-sistema tad-drenagg u l-anqas ma gie ndikat li kien qed jitnaqqas xi ammont

minhabba l-kwalita’ ta’ dan ix-xoghol jew minhabba id-dewmien konness mal-konsenja tal-istess.

Fl-ahharnett irid ukoll jigi rilevat li fix-xhieda moghtija fis-7 ta’ Mejju, 2001 Joseph Said specifika li x-xoghol maghmul mill-attur ma giex skartat minnhom u “kien hemm xi xoghlijiet li ghamel il-Perit Grech li ghadhom hemmhekk illum u li gew utilizzati”. L-attur spjega li fuq id-disinn tieghu inbnew tankijiet biex ikunu l-*pumping station* ta’ drenagg fil-*basement* tal-lukanda, ukoll il-hazniet ta’ l-ilma tax-xita u dawn jiehdu l-ilma tal-bejt tal-lukanda kollha. Hu kien ghamel ukoll il-lokazzjoni fejn jitqabbdu l-katusi mas-sistema tal-Gvern, il-kalkolu tad-*Diurnal hydrograph*. Inoltre d-dokumenti, l-istimi u d-disinn baghqu ghand il-klijent u fuq dawn dejjem ghandu dritt professjonali ndipendentement jekk isirx il-progett jew le.

Ghalhekk il-Qorti tikkonkludi li l-attur espleta l-inkarigu lilu moghti skond kif patwit mad-ditta konvenuta u li huwa ghalhekk ghandu jithallas ghas-servizzji professjonali minnnu rezi kif ukoll ghall-ispejjes minnu nkorsi in konnessjoni ma dawn is-servizzi.

**DECIZJONI**

Ghal dawn il-motivi
il-Qorti tiddeciedi
billi tilqa’ t-talba ta’ l-attur
bl-ispejjez kontra l-konvenut pro et noe.
Bl-imghax kif mitlub.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------